


# Il-Franġiskani tal-Wejter Mill-maħżen għall-Knisja

P. Alfons M. Sammut ofmconv.



Meta nibtet l-idea li nfakkru l-ħamsin sena tal-konsagrazzjoni tal-knisja tagħna u l-Gwardjan talabni biex nagħmel jien dan id-diskors ta' tifkira, bdejt dlonk indawwal il-garigori mudlama ta' jiem tfuliti ħalli forsi niftakar il-ġrajjiet marbuta mall-miġja tal-Patrijiet tagħna f'dawn l-inħawi. U t-tifkiriet ġew malajr, ħajjin, bħallikieku kien il-bieraħ li ġraw. Dawn it-tifkiriet, kif għexthom jien, ftit baqa' nies, jekk baqa', li jistgħu jiftakruhom. Għalhekk, il-lejla ħsibt li naqsam magħkom dawk il-paġni tal-istorja għanja u mdemma ta' żmien il-gwerra ta' Birkirkara tagħna.

Kienet is-sena 1940, fl-10 ta' Ġunju, għal ħabta tas-sitta ta' filgħaxija. Id-Duce, Mussolini mill-Loġġa ta' Palazzo Venezia, iddikjara gwerra, spalla ma' spalla ma' Hitler, lil Ingilterra u lill-alleati tagħha. L-għada filgħodu, għal xi s-sebgħa, Malta stembħet għat-tnewwieh tas-sireni u għall-ewwel sparar tal-kanuni kontra l-ajruplani. Il-qawwiet tal-ajru Taljani ġew mgħobbijin bil-bombi u min-nir sfiq tas-sema zergħuhom fuq il-firxa tal-Port il-Kbir, il-Belt u l-Kottonera, u magħhom nizlet mewt u qerda. Malta rat jixtered l-ewwel demm ta' wliedha u haddejha xxarbu bl-ewwel demgħat sħan, li fl-erba' snin ta' wara kellhom isiru gelgul.

Il-ħbit mill-ajru tal-qawwiet Taljani ssokta lejl u nhar, bla xejn ma qata' sat-22 ta' Jannar 1942 meta l-*luftwaffe* Ġermaniza nizlet Sqallija u bdiet offensiva ġdida bil-għan li jaqtgħulna nfisna, jmewtulna l-moral u jġagħluna nirrendu quddiem qilla li kienet lil hinn minn dak li konna nifilħu nissaportu.

Fit-toroq ta' Birkirkara, minn filgħodu kmieni kont tara serbut ta' karrettuni tal-ġarr mgħobbijin bi ftit għamara, soror tal-ħwejjeġ u affarijiet oħra ta' ħtieġa. Ma' kull karrettun, aktarx kien ikun hemm xi ħadd mill-familja li meta jilħaq l-abitat, kien jinżel iħabbat il-biebin u jitlob kenn lil min kien jiftaħlu. Wara l-karrettun, kważi dejjem, kien ikun hemm karrozzin bil-bqija tal-familja. U l-qlub ġenerużi tal-Karkarizi kien ħafna. U l-familji kienu jiċċaħdu minn kamra jew tnejn biex jagħtu saqaf lil dawk l-imsejkna.

Fost dawk li fittxew kenn f'Birkirkara kien hemm ukoll ulied San Franġisk, il-Patrijiet tagħna tal-Belt. Laqagħhom l-Avukat Ġużè Pace li kien ga gabar miegħu lil zijuh anzjan, P. Gulielmu Pace. Lill-Patrijiet tahom waħda mid-djar tiegħu fi Triq l-Imsida, Villa Maria, li nbidlet f'kunvent ċkejken li fih il-Patrijiet fittxew li jitrassu kif jistgħu, saħansitra tnejn minnhom taħt it-taraġ. Dan kien il-bidu prekarju tal-presenza Franġiskana tal-Wejter.

Hawnhekk, il-Patrijiet dlonk bdew il-ħidma pastorali tagħhom, billi ta' kull filgħodu kienu jqaddsu u jqarru fl-intrata tal-Avukat, fejn jien, tfajjel ta' ħdax/tnax-il sena, kont ngħin il-quddiesa. U dan minkejja li ma naqqsu xejn min dak li kien ix-xogħol ministerjali tagħhom fil-knisja tal-Belt. U arahom, ta' kuljum iterrqu, ċlikki ċlikki bil-karrozzin, minn Birkirkara għall-Belt u lura, biex iqaddsu u jqarru, f'dik li jien inħobb insejjħilha l-Parroċċa tal-Maltin, għax fiha kull min jidħol il-Belt, jieqaf jisma quddiesa, iqerr u jagħmel id-devozzjonijiet tiegħu.

Hekk, in-nies tal-Wejter saru jafu għall-ewwel darba l-Patrijiet ta' San Franġisk u raddewlhom id-dedikazzjoni tagħhom b'imħabba mill-qalb. U nibtet bejniethom rabta li kellha ttul u tissaħħaħ mal-mixja tas-snin.

Fit-8 ta' Settembru 1943, l-Italja ċediet u sar l-armistizju. Hekk għalina, f'Malta, l-gwerra intemmet. Il-Patrijiet bdew jaħsbu biex jibnu mill-ġdid il-parti mġarrfa tal-kunvent tagħhom u jsewwu l-ħsarat li kien ġarrab, u li ma kienux ftit. Hekk, bdew jitħejjew biex għal tmiem dik is-sena jerġgħu lura l-Belt. Imma n-nies, li kif ġa għedt kienu drawhom u ħabbewhom, ma setgħux inizzluha li l-Patrijiet jitilquhom.

Għalhekk marru għand P. Salv Tabone, li kien il-Kummissarju Ġenerali tal-Provinċja, u talbuh biex iħalli hawn xi Patrijiet. U P. Salv, li kien intrabat huwa wkoll man-nies tal-inħawi, mhux biss ma qalx le, imma wriehom li dan kien ukoll il-ħsieb tiegħu.

L-Avukat Pace, minbarra li kien bniedem tal-liġi mill-aħjar, kien ukoll bniedem tal-*business*. F'San Ġiljan, 'il ġewwa mill-Qaliet, kellu medda art ġmielha li sviluppha u ħadet ismu '*Paceville*'. F'Birkirkara wkoll fi Triq l-Imsida, barra mid-dar tiegħu, Villa Pace, kellu wkoll għadd ta' mħazen, minn Villa Maria sa Sqaq l-Ibgħal. Kien fi tnejn jew tlieta minn dawn l-imħazen li l-Patrijiet ħasbu li jħejju l-ewwel kappella biex jissuktaw il-ħidma pastorali tagħhom.

P. Salv, fid-definitorju tal-20 ta' Novembru 1944 għażel l-ewwel komunità għal Birkirkara. P. Serafin Fenech kellu jkun l-ewwel Gwardjan. P. Ilarju Dimech, li aktar tard mar l-Awstralja, fejn miet bħala qassis djoċesan, P. Wistin Magro, P. Paċifku Zammit u Fra Franġisk Grech kienu l-ewwel Patrijiet tal-Komunità l-ġdida. Dawn il-Patrijiet sabu posthom fil-kmamar li kien hemm fuq il-maħżen u li kont titla għalihom minn taraġ li kien hemm wara l-artal.

P. Serafin, li kellu bosta għall-qalbu d-dekor tal-liturġija u għal kull ma kellu x'jaqsam mal-ħarsien tagħha, mill-bidunett xtaq jagħti dehra dinjituża lil dawk l-imħażen, li issa ġew mibdula f'kappella u li flimkien mal-kunvent ċkejkna ta' fuqha, - li P. Serafin malajr laqqmu Rivotorto - ġiet imbierka f'ċerimonja sempliċi u dinjituża fil-31 ta' Diċembru 1944. Fuq l-altar gie mqiegħed kwadr antik ta' San Frangisk, dak stess li meta nbniet il-knisja tpoġġa fil-kor taħt it-tieqa tan-nofs u li llum jinsab fis-sagristija. Dan kien il-bidu umli li kellu jwassal għall-bini tal-knisja sabiħa li fiha ninsabu llum. Iżda l-ħolma, biex saret realtà, ħadet iż-żmien u kien biss fl-20 ta' Diċembru 1953, fiz-zernieq taċ-Ċentinarju tad-Domma tat-Tnissil bla Tebgħa ta' Marija, li wara t-tħejjija tal-pjanti mill-Perit Roger Degiorgio, l-qtugħ tal-blat u tqiegħid tal-pedamenti, ġiet imbierka u mqegħda l-ewwel ġebla. Ix-xogħol kellu jieqaf iktar minn darba: fit-2 ta' Diċembru 1952 minħabba razzett li kien għadu ma nxtarax; imbagħad mill-ġdid tul il-qtugħ tal-blat, fit-13 ta' Lulju 1953. Fl-20 ta' Awwissu tal-istess sena x-xogħol beda mill-ġdid u ssokta bla waqfien sal-aħħar. Il-bini kien f'idejn Manwel u Karmenu Bezzina, mill-Marsa, li, jekk mhux l-aħjar, kienu fost l-aħjar imgħallmin ta' dak iż-żmien. U din il-knisja ġebla fuq ġebla u ġebla wara ġebla, tegħlet u hekk dehret il-knisja li naraw illum. Imma P. Salv, li tant ried dil-knisja u xtaq jaraha timbena, kien ġa ilu mejjet 3 snin, meta mess lill-P. Piju Mamo, li ġie magħżul Provinċjal warajh, li jbierek u jqiegħed l-ewwel ġebla tagħha fl-20 ta' Diċembru 1953. Parrinijiet ta' din iċ-ċerimonja, kif kien jixraq, kienu l-Prepostu ta' Birkirkara, il-Kan. Emanuel Vella u n-Nutar Giuseppe Sammut.

Għal din iċ-ċerimonja minbarra il-Patrijiet tagħna, kienu presenti wkoll il-Provinċjal tal-Agostinjani, Karmelitani, Kappuċċini u Terezjani, flimkien ma' folla kbira ta' nies.

Biex imbniet, il-knisja ħadet tlett snin u fit-3 ta' Ġunju 1956 sar l-ewwel quddies fis-sagristija. Is-saċerdoti kienu l-Prof. Mons. Giuseppe Sapiano, P. Adeodato

Micallef, Terezjan, llum Isqof Emeritu tal Kuwajt. u l-Patrijiet tal-Komunità. Inqas minn xahar wara, fl-ewwel ta' Lulju il-quddies ta' nhar ta' Ħadd beda jsir fil-Knisja, art u saqaf, fuq l-istess artal tal-injam li kien jintuza fil-maħżen. Kien Gwardjan P. Bonaventura Camilleri. Sadattant, il-Patrijiet, fid-19 ta' Novembru, daħlu jgħammru fil-kunvent il-ġdid.

Kważi 10 snin wara li nbeda il-bini, fit-tieni ċentinarju mill-mewt tal-Qaddis magħruf bħala l-Qaddis tat-titjir, San Ġużepp ta' Kopertinu, Protettur tal-istudenti u ta' dawk li jħabbtu wiċċhom mal-ezamijiet, u fil-kwadru taċ-ċelebrazzjonijiet li l-Provinċja kienet organizzat f'dik l-okkazjoni, l-ex Ministru Ġenerali tal-Ordni li ftit qabel kien maħtur Isqof ta' Sessa Aurunca, ġie mistieden biex jikkonsagra dan it-tempju majestuz, li jista' joqgħod b'ġieh mal-isbaħ tempji barokki li bnew, u ħallewlna b'wirt, missirijietna tal-qedem.

Għaddew 50 sena u din il-knisja ssuktat taqdi mhux biss lin-nies ta' Triq l-Imsida u 'l dawk ta' Paris tal-imgħoddi, imma llum tilqa' fiha lil dawk tal-inħawi, kif kibru u zviluppaw f'dawn l-aħħar 20 sena, u oħrajn li jiġu saħansitra minn barra Birkirkara. U l-knisja, grazzi għall-ġenerozità tagħkom u ta' dawk li jattendu għall-quddies u l-funzjonijiet l-oħra, ġiet mgħammra u msebbħa kif jixraq lid-Dar ta' Alla f'nofs il-poplu tiegħu. F'Novembru 1956 saru l-artali u xi snin wara saru it-twieqi tal-abside, jew kif insejħulha aħna l-arzella, xogħol mill-ifjen maħdum Ruma li juru ġrajjiet fost l-aktar importanti fil-ħajja ta' Missierna San Franġisk; fl-1961 il-knisja kompliet tisbieħ u tistgħana bil-pittura xoghol il-Profs. Emvin Cremona, wiehed mill-ahjar Pitturi ta' żmienu. Bejn is-snin 1956 - 62 l-Iskultur Taljan, Spampinato li kien jahdem fl-irham fi Triq Mannarino, kantuniera ma Triq Sant Maija, ghamel l-erba' statwi ta' San Bennardinu minn Siena, San Bonaventura, Sant'Antnin u l-Beatu Gwanni Duns Scotus ghan-nicec tal-faccata tal-knisja. Dawn hadimhom fil-mahzen numru 100, fl-istess triq fejn kien izomm l-irham u fejn illum hemm il-hanut tas-sapun likwidu, SAPONADA.

Dis-sena mbaghad bil-ġenerożità tagħkom saru t-twieqi tal-korsija. Naturalment, dan biex ma nsemmux l-istatwi artistiċi ta' San Franġisk u Sant' Antnin, bil-bradella u l-bankun, u dawk l-oħra li naraw fiha llum. Ta' dan kollu, il-lejla, rridu rrodu ħajr 'l Alla, li minnu kull għotja tajba, u lilkom, li lqajtu l-istedina tagħna u magħna ġejtu troddulu ħajr.

U biex ngħalaq, ippermettuli nissellef kliem il-patrijott Karkariz, il-Kavallier Guzè Dimech Debono. Dan, meta l-Patrijiet qatgħuha li jibqgħu hawn u sar it-tberik tal-Maħzen, fil-Berqa ta' dawk il-ġranet, kien kiteb u xebbah dawn l-inħawi mal-belt ta' Assisi. Kiteb, bejn wieħed u ieħor, hekk: Meta l-Papa Girgor IX bierek l-ewwel ġebla tal-Bazilka li kellha tilqa' l-fdal ta' San Franġisk, biddel l-isem ta' dik l-għolja li kienet tissejjaħ l-Għolja tal-Ġenna. Hawnhekk ukoll din il-knisja ġdida se tinbena qrib 'l hekk imsejħa Pjazza infern. Għax ma nibdewx aħna wkoll insejħu 'l din il-pjazza, Pjazza l-Ġenna? Nifhem li kienet mistoqsija provokatorja.

F'Birkirkara, l-ismijiet tat-toroq, tal-pjazez u l-inħawi kollha, għandhom storja li xxenxel għeruqha fil-qedem ta' grajjietha. U ta' dan aħna l-Karkarizi aħna kburin. Ħalli, mela, nzommu l-isem storiku ta' Pjazza Nfern. Hawnhekk, xorta waħda, għandna tempju li, fi kliem Salamun, hu '*Domus Dei et porta coeli*', 'Dar ta' Alla u bieb tas-sema'. Ngħozzuh u nqisu li jkun hekk tassew għalina lkoll, biex aħna wkoll dak li nitolbu f'dan l-imkien qaddis naqilgħuh f'Isem il-Mulej Ġesù.